MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 416/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Kevin Debono**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Kevin Debono talli:

(1) Fil-25 ta’ Ottubru 2002 ghall-habta ta’ bejn il-11.00 p.m. u nofs il-lejl waqt li kien fil-post maghruf bhala “Ta’ Cassia” limiti tal-Qawra, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Carmel Hartley f’ periklu car, tah daqqa bi strument bil-ponta u li jaqta’ (mus) fuq in-naha tax-xellug ta’ genbu u kkagunalu offiza ta’ natura gravi u dan skond kif iccertifika t-tabib Adrian Spiteri tal-Isptar San Luqa;

(2) Waqt li kien sejjer jikkommetti l-imsemmi delitt kellu fil-pusses tieghu arma li taqta’ u bil-ponta (mus) u kellu fil-pussess tieghu u garr fuqu l-istess arma minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti giet mitluba, jekk jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurezza ta’ l-imsemmi Carmel Hartley jew sabiex jinzamm il-bon ordi pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-imsemmi Kevin Debono b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi ffissata minn din il-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta’ Dicembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Kevin Debono mhux hati tal-akkuza illi kkaguna offiza ta’ natura gravi, izda hati li kkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Carmel Hartley permezz ta’ daqqa bi strument bil-ponta u li jaqta’ (mus), hati tat-tieni akkuza, u wara li rat l-Artikolu 221 (1)(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 2, 3, 19 u 26 tal-Kap 66, ikkundannatu ghal sitt xhur prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Kevin Debono pprezentat fl-20 ta’ Dicembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tipprovdi piena alternattiva u mhux karcerarja effettiva u tikkonfermaha fejn ma sabitux hati illi kkaguna offiza ta’ natura gravi izda hati li kkaguna offiza ta’ natura hafifa permezz ta’ daqqa bi strument bil-ponta u li jaqta’ (mus) u hati tat-tieni akkuza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant jirrigwarda l-piena nflitta ta’ prigunerija effettiva li ma jqisx idoneja. Jghid li minn zmien l-incident sallum ghaddew erba’ snin u fihom sar

rikonciljament bejn l-appellant u l-imsemmi Carmel Hartley.

Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

F’dan il-kaz m’hemm l-ebda dubju li l-piena taqa’ fil-parametri tal-ligi, izda din il-Qorti trid tqis ukoll cirkostanzi godda li sehhew fil-mori tal-kaz u li ma kinux a konoxxenza ta’ l-ewwel Qorti peress illi jidher li sehhew wara li gie trattat definittivament il-kaz. Effettivament, kif stqarr l-appellant fir-rikors ta’ appell tieghu, sar rikonciljament bejn l-appellant u Carmel Hartley. Dan Carmel Hartley ikkonferma kemm permezz ta’ affidavit kif ukoll meta xehed quddiem din il-Qorti, illi huwa hafer lill-appellant ta’ dak li ghamillu u anke kkumpensah ghall-ferita li garrab.

Meta din il-Qorti ezaminat il-provi migbura quddiem l-ewwel Qorti, sabet illi d-daqqa ta’ mus li l-appellant xejjer fid-direzzjoni ta’ Carmel Hartley setghet kellha konsegwenzi aktar gravi. Fortunatament l-offiza li garrab Hartley kienet wahda ta’ natura hafifa izda l-appellant xorta jimmerita piena ta’ prigunerija, b’dan illi, fic-cirkostanzi rizultanti, huwa aktar opportun illi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti tigi sospiza. Inoltre, wara li din il-Qorti ezaminat l-fedina penali aggornata ta’ l-appellant u l-istqarrija tieghu, peress illi jidher li tezisti problema ta’ *anger management* possibilment dovuta anke ghal konsum eccessiv ta’ alcohol, sejra taghmel ordni ta’ supervizjoni sabiex jigu indirizzati dawn il-problemi bl-iskop li ma jkunx hemm ripetizzjoni tal-generu ta’ reati kommessi mill-appellant.

Ghal dawn il-motivi:

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal sitt xhur prigunerija u minflok tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija liema sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ erba’ snin millum huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija. Inoltre, a tenur ta’ l-artikolu 28G tal-Kap. 9, taghmel ordni ta’ supervizjoni u tqieghed lill-appellant taht is-supervizjoni ta’ ufficjal sorveljanti ghall-perijodu operattiv kollu u taht il-kondizzjonijiet indikati fl-ordni hawn anness. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qorti ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------